SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

3 ta' Settembru 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2001/29/KE — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Dritt ta' riproduzzjoni — Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet — Kunċett ta' 'parodija' — Kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni"

Fil-Kawża C-201/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-hof van beroep te Brussel (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' April 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' April 2013, fil-proċedura

Johan Deckmyn,

Vrijheidsfonds VZW

vs

Helena Vandersteen,

Christiane Vandersteen,

Liliana Vandersteen,

Isabelle Vandersteen,

Rita Dupont,

Amoras II CVOH,

WPG Uitgevers België,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, M. Ilešič, L. Bay Larsen, A. Borg Barthet u M. Safjan, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, G. Arestis, D. Šváby, A. Prechal (Relatur), C. Vajda u S. Rodin, Imħallfin.

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Jannar 2014,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal J. Deckmyn, minn B. Siffert, avukat,

— għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux u C. Pochet, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Samnadda kif ukoll minn F. Wilman u T. van Rijn, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2014,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn J. Deckmyn u l-Vrijheidsfonds VZW (iktar 'il quddiem il-"Vrijheidsfonds"), assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru, u diversi werrieta ta' W. Vandersteen, awtur ta' sensiela ta' komiks *Suske en Wiske* (bil-lingwa Franċiża *Bob et Bobette*), kif ukoll detenturi tad-drittijiet marbuta ma' dawn ix-xogħlijiet (iktar 'il quddiem "Vandersteen *et*"), rigward id-distribuzzjoni minn J. Deckmyn ta' kalendarju li fih ġie rriprodott disinn (iktar 'il quddiem id-"disinn inkwistjoni fil-kawża prinċipali") li jixbah disinn li jidher fil-qoxra ta' wieħed mill-albums tas-sensiela *Suske en Wiske*.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessa 3 tad-Direttiva 2001/29 tipprovdi li:

"L-armonizzazzjoni proposta tgħin biex timplimenta l-erba' libertajiet tas-suq intern u għandha x'taqsam mall-konformità mal-prinċipji fundamentali tal-liġi u speċjalment tal-proprjetà, inkluża proprjetà intellettwali, u libertà ta' espressjoni u l-interess pubbliku."

4 Skont il-premessa 31 ta' din id-direttiva:

"Bilanċ ġust ta' drittijiet u interessi bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet, kif ukoll bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet u utentu ta' materjal protett għandhom ikunu salvagwardati.[...]"

5 L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, intitolat "Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet", jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għad-drittijiet li hemm provdut dwarhom fl-Artikoli 2 u 3 [, intitolati rispettivament 'Dritt ta' riproduzzjoni' u 'Id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħolijiet u d-dritt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku suġġett ieħor',] fil-każi li ġejjin:

[...]

k) użu għal skop ta' karikatura, parodija jew pastiċċ;

[...]"

Id-dritt Belġjan

6 L-Artikolu 22(1) tal-liġi tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati (*Belgisch Staatsblad*, tas-27 ta' Lulju 1994, p. 19297) jipprovdi:

"Meta x-xogħol jiġi ppubblikat b'mod legali, l-awtur ma jkollux id-dritt li jopponi:

[...]

6. il-karikaturi, parodiji jew pastiċċi, imwettqa b'mod konformi mal-użanzi aċċettati tal-moralità;

[...]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

7 J. Deckmyn huwa membru tal-Vlaams Belang, filwaqt li l-Vrijheidsfonds għandha għan statutorju li ma għandu l-ebda skop ta' lukru, li jikkonsisti li jsostni dan il-partit politiku finanzjarjament u materjalment.

8 Matul ir-riċeviment organizzat fid-9 ta' Jannar 2001, mill-belt ta' Gent (il-Belġju), fl-okkażjoni tas-sena l-ġdida, J. Deckmyn qassam kalendarji tas-sena 2011 li fihom kien hemm indikazzjoni tal-fatt li huwa kien l-editur responsabbli. Fil-qoxra ta' dawn il-kalendarji kien jidher id-disinn inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

9 Dan id-disinn kien jixbah dak irrappreżentat fil-qoxra tal-album ta' sensiela ta' komiks *Suske en Wiske*, intitolat "De Wilde Weldoener" (Il-benefattur kompulsiv), li sar matul is-sena 1961 minn W. Vandersteen u li l-verżjoni tiegħu bil-lingwa Franċiża kienet iġġib it-titolu "Il-qabar Ħindu". Dan l-aħħar disinn kien jirrappreżenta wieħed mill-persunaġġi prinċipali ta' dan l-album, imlibbes tunika bajda waqt li qed jitfa' muniti lejn persuni, li qed jippruvaw jiġbruhom. Fid-disinn inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dan il-persunaġġ ġie ssostitwit mis-sindku tal-belt ta' Gent u l-persuni li jiġbru l-muniti ġew issostitwiti minn persuni mlebbsin il-velu u ta' kulur.

10 Peress li qiesu li d-disinn inkwistjoni fil-kawża prinċipali u l-komunikazzjoni tiegħu lill-pubbliku kisru d-drittijiet tal-awtur rispettivi tagħhom, Vandersteen *et* ippreżentaw rikors kontra J. Deckmyn u l-Vrijheidsfonds quddiem ir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (qorti tal-ewwel istanza ta' Brussell), li kkundannat lil dawn tal-aħħar sabiex iwaqqfu, taħt piena ta' pagamenti ta' penalità, kull użu ta' dan id-disinn.

11 Quddiem il-qorti tar-rinviju adita bl-appell mid-deċiżjoni mogħtija fl-ewwel istanza, J Deckmyn u l-Vrijheidsfonds osservaw b'mod partikolari li d-disinn inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxi karikatura politika, li taqa' taħt il-parodija li hija aċċettata skont il-punt 6 tal-Artikolu 22(1) tal-liġi tat-30 ta' Ġunju 1994, dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati.

12 Vandersteem *et* jikkontestaw din l-interpretazzjoni, peress li, fil-fehma tagħhom, il-parodija għandha twieġeb għal ċerti kundizzjonijiet, li ma humiex issodisfatti f'dan il-każ, jiġifieri għandha jkollha skop kritiku, turi hija stess li hija xogħol oriġinali, turi spirtu umoristiku, turi li hija intiża li twaqqa' x-xogħol oriġinali għaċ-ċajt, u ma tiħux mix-xogħol oriġinali numru ta' elementi figurattivi li huwa iktar minn dak strettament meħtieġ għat-twettiq tal-parodija. F'dan il-kuntest, huma jilmentaw ukoll li d-disinn inkwistjoni fil-kawża prinċipali jittrażmetti messaġġ diskriminatorju, peress li l-persunaġġi li, fix-xogħol oriġinali, jiġbru l-muniti mitfugħa mal-art, ġew issostitwiti fih b'persuni mlebbsin il-velu u ta' kulur.

13 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-hof van beroep te Brussel iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-'parodija' hija kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, parodija għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet segwenti jew tikkonforma mal-karatteristiċi segwenti:

— ikollha karattru oriġinali tagħha stess (oriġinalità);

— ikollha dan il-karattru b'tali mod li l-parodija ma tistax raġonevolment tiġi attribwita lill-awtur tax-xogħol oriġinali;

— tkun intiża biex toħloq umoriżmu jew twaqqa' għaċ-ċajt, irrispettivament mill-fatt li l-kritika eventwalment magħmula f'dan ir-rigward tkun tolqot ix-xogħol oriġinali jew lil xi ħaġa jew lil xi ħadd;

— issemmi s-sors tax-xogħol li jkun is-suġġett tal-parodija?

3) Xogħol għandu jissodisfa wkoll kundizzjonijiet oħra jew jikkonforma ma' karatteristiċi oħra biex ikun jista' jiġi kklassifikat bħala parodija?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

14 Hemm lok li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tinkludi l-ebda riferiment speċifiku għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħha għandhom normalment, fl-Unjoni Ewropea kollha, jiġu interpretati b'mod awtonomu u uniformi fejn din l-interpretazzjoni tkun waħda studjata fid-dawl tal-kuntest tad-dispożizzjoni u tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza Padawan, C-467/08, EU:C:2010:620, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

15 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-kunċett ta' "parodija", li jinsab f'dispożizzjoni li tagħmel parti minn direttiva li ma tagħmel ebda riferiment għad-drittijiet nazzjonali, għandu jitqies li huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni u għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fit-territorju tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Padawan, EU:C:2010:620, punt 33).

16 Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata min-natura fakultattiva tal-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29. Fil-fatt, interpretazzjoni li tgħid li l-Istati Membri li jkunu introduċew tali eċċezzjoni huma liberi li jippreċiżaw il-parametri tagħha b'mod mhux armonizzat, li jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, tmur kontra l-għan tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Padawan, EU:C:2010:620, punt 36, u ACI Adam *et*, C-435/12, EU:C:2014:254, punt 49).

17 Konsegwentement, l-ewwel domanda għandha tingħatalha r-risposta li l-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "parodija" li jinsab f'din id-dispożizzjoni jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni.

Fuq it-tieni u t-tielet domandi

18 Permezz tat-tieni u tat-tielet domandi tagħha, li hemm lok li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar kif għandha tinftiehem l-eċċezzjoni għal parodija, prevista fl-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29. B'mod partikolari, hija tistaqsi jekk il-kunċett ta' parodija jiddependix mill-preżenza ta' ċerti kundizzjonijiet li hija telenka fit-tieni domanda tagħha.

19 Hemm lok li jitfakkar li, fl-assenza ta' kwalunkwe definizzjoni, fid-Direttiva 2001/29, tal-kunċett ta' parodija, id-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata ta' din il-kelma għandha tiġi stabbilita, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, skont is-sens abitwali tagħha fil-lingwaġġ kurrenti, billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih tintuża u l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Diakité, C-285/12, EU:C:2014:39, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Fir-rigward tas-sens abitwali tal-kelma "parodija" fil-lingwaġġ kurrenti, huwa paċifiku, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 48 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-parodija għandha bħala karatteristiċi essenzjali, minn naħa, li tevoka xogħol eżistenti, filwaqt li jkollha differenzi perċettibbli meta pparagunata miegħu, u, min-naħa l-oħra, tikkostitwixxi manifestazzjoni ta' umoriżmu jew twaqqa' għaċ-ċajt.

21 Ma jirriżulta la mis-sens abitwali tal-kelma "parodija" fil-lingwaġġ kurrenti, u lanqas, barra minn hekk, hekk kif josservaw ġustament il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni Ewropea, mit-test tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, li dan il-kunċett għandu jkun suġġett għall-kundizzjonijiet, evokati mill-qorti tar-rinviju fit-tieni domanda tagħha, li skont dawn il-parodija għandha jkollha natura oriġinali tagħha stess, barra minn dik li jkollha differenzi perċettibbli meta pparagunata max-xogħol oriġinali li jkun is-suġġett tal-parodija, li hija tkun tista' raġonevolment tiġi attribwita lil persuna li ma tkunx l-awtur tax-xogħol oriġinali stess, li għandha tirrigwarda x-xogħol oriġinali stess jew li għandha ssemmi s-sors tax-xogħol li jkun is-suġġett tal-parodija.

22 Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-kuntest tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, li jistabbilixxi eċċezzjoni għad-drittijiet previsti fl-Artikoli 2 u 3 ta' din id-direttiva u li, għalhekk, għandu jkun suġġett għal interpretazzjoni stretta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ACI Adam *et*, EU:C:2014:254, punt 23).

23 Fil-fatt, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' parodija għandha, fi kwalunkwe każ, tippermetti li titħares l-effettività tal-eċċezzjoni hekk stabbilita u li jiġi osservat l-għan tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Football Association Premier League *et*, C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 163).

24 Il-fatt li l-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29 jikkostitwixxi eċċezzjoni għalhekk ma għandux bħala konsegwenza li jnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni permezz ta' kundizzjonijiet, bħal dawk stabbiliti fil-punt 21 ta' din is-sentenza, liema kundizzjonijiet ma jirriżultaw la mis-sens abitwali tal-kelma "parodija" fil-lingwaġġ kurrenti, u lanqas mit-test ta' din id-dispożizzjoni.

25 Fir-rigward tal-għan imsemmi fl-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, hemm lok li jitfakkru l-għanijiet imfittxija minn din id-direttiva b'mod ġenerali, li fosthom, hekk kif jirriżulta mill-premessa 3 tagħha, hemm dak li jkun hemm armonizzazzjoni sabiex tgħin l-implementazzjoni tal-erba' libertajiet tas-suq intern u li għandha x'taqsam mal-osservanza tal-prinċipji fundamentali tal-liġi u speċjalment tal-proprjetà, inkluża l-proprjetà intellettwali, u tal-libertà ta' espressjoni u tal-interess pubbliku. Issa, huwa paċifiku li l-parodija tikkostitwixxi mezz xieraq sabiex tiġi espressa opinjoni.

26 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-premessa 31 tad-Direttiva 2001/29, l-eċċezzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 ta' din id-direttiva, li jipprevedi l-Artikolu 5 tagħha, huma intiżi sabiex iżommu "bilanċ ġust" bejn, b'mod partikolari, id-drittijiet u l-interessi tal-awturi, minn naħa, u dawk tal-utenti ta' suġġetti protetti, min-naħa l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Padawan, EU:C:2010:620, punt 43, u Painer, C-145/10, EU:C:2011:798, punt 132).

27 Isegwi li l-applikazzjoni, f'sitwazzjoni konkreta, tal-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, għandha tosserva bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interessi u d-drittijiet tal-persuni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, il-libertà ta' espressjoni tal-utent ta' xogħol protett li jibbaża ruħu fuq l-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens ta' dan l-Artikolu 5(3)(k).

28 Sabiex jiġi vverifikat jekk, f'sitwazzjoni konkreta, l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, tosservax dan il-bilanċ ġust, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.

29 Għalhekk, fir-rigward tal-kawża li tressqet quddiem il-qorti tar-rinviju, hemm lok li jiġi rrilevat li, skont Vandersteen *et*, peress li, fid-disinn inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-persunaġġi li, fix-xogħol oriġinali, ġabru l-muniti mitfugħa mal-art ġew issostitwiti minn persunaġġi mlebbsin il-velu u ta' kulur, dan id-disinn jittrażmetti messaġġ diskriminatorju li għandu bħala effett li jassoċja x-xogħol protett ma' tali messaġġ.

30 Jekk dan huwa effettivament il-każ, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, hemm lok li titfakkar l-importanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażat fuq ir-razza, il-kulur u l-oriġini etnika, hekk kif dan il-prinċipju ġie kkonkretizzat bid-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, tad-29 ta' Ġunju 2000, li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23), u kkonfermat, b'mod partikolari, fl-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

31 Issa, f'dawn iċ-ċirkustanzi, detenturi ta' drittijiet previsti fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2001/29, bħal Vandersteen *et*, bħala prinċipju għandhom interess leġittimu li x-xogħol protett ma jkunx assoċjat ma' tali messaġġ.

32 Bħala konsegwenza, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża prinċipali, jekk l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, bis-suppożizzjoni li d-disinn inkwistjoni fil-kawża prinċipali jwieġeb għall-karatteristiċi essenzjali stabbiliti fil-punt 20 ta' din is-sentenza, tosservax il-bilanċ ġust li għalih isir riferiment fil-punt 27 ta' din is-sentenza.

33 Konsegwentement, it-tieni u t-tielet domandi għandhom jingħatalhom risposta li l-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-parodija għandha bħala karatteristiċi essenzjali, minn naħa, li tevoka xogħol eżistenti, filwaqt li jkollha differenzi perċettibbli meta pparagunata miegħu, u, min-naħa l-oħra, li tikkostitwixxi manifestazzjoni ta' umoriżmu jew twaqqa' għaċ-ċajt. Il-kunċett ta' "parodija", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma huwiex suġġett għal kundizzjonijiet li jgħidu li l-parodija għandha jkollha natura oriġinali tagħha stess, barra minn dik li

jkollha differenzi perċettibbli meta pparagunata max-xogħol oriġinali li jkun is-suġġett tal-parodija, li għandha tkun tista' raġonevolment tiġi attribwita lil persuna li ma tkunx l-awtur tax-xogħol oriġinali stess, li għandha tirrigwarda x-xogħol oriġinali stess jew li għandha ssemmi s-sors tax-xogħol li jkun is-suġġett tal-parodija.

34 Għalhekk, l-applikazzjoni, f'sitwazzjoni konkreta, tal-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, għandha tosserva bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interessi u d-drittijiet tal-persuni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, il-libertà ta' espressjoni tal-utent ta' xogħol protett li jibbaża ruħu fuq l-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens ta' dan l-Artikolu 5(3)(k).

35 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża prinċipali, jekk l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, bis-suppożizzjoni li d-disinn inkwistjoni fil-kawża prinċipali jwieġeb għall-imsemmija karatteristiċi essenzjali tal-parodija, tosservax dan il-bilanċ ġust.

Fuq l-ispejjeż

36 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "parodija" li jinsab f'din id-dispożizzjoni jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni.**

2) **L-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-parodija għandha bħala karatteristiċi essenzjali, minn naħa, li tevoka xogħol eżistenti, filwaqt li jkollha differenzi perċettibbli meta pparagunata miegħu, u, min-naħa l-oħra, li tikkostitwixxi manifestazzjoni ta' umoriżmu jew twaqqa' għaċ-ċajt. Il-kunċett ta' "parodija", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma huwiex suġġett għal kundizzjonijiet li jgħidu li l-parodija għandha jkollha natura oriġinali tagħha stess, barra minn dik li jkollha differenzi perċettibbli meta pparagunata max-xogħol oriġinali li jkun is-suġġett tal-parodija, li għandha tkun tista' raġonevolment tiġi attribwita lil persuna li ma tkunx l-awtur tax-xogħol oriġinali stess, li għandha tirrigwarda x-xogħol oriġinali stess jew li għandha ssemmi s-sors tax-xogħol li jkun is-suġġett tal-parodija.**

Għalhekk, l-applikazzjoni, f'sitwazzjoni konkreta, tal-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, għandha tosserva bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interessi u d-drittijiet tal-persuni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, il-libertà ta' espressjoni tal-utent ta' xogħol protett li jibbaża ruħu fuq l-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens ta' dan l-Artikolu 5(3)(k).

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża prinċipali, jekk l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni għal parodija, fis-sens tal-Artikolu 5(3)(k) tad-Direttiva 2001/29, bis-suppożizzjoni li d-disinn inkwistjoni fil-kawża prinċipali jwieġeb għall-imsemmija karatteristiċi essenzjali tal-parodija, tosservax dan il-bilanċ ġust.

Firem